MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 692/2002/1

**Joseph Vella**

**vs**

**Camela Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1126.40), jew somma verjuri rapprezentanti arretrati ta' pagi, "bonus", "vacation leave", "overtime" u zidiet minhabba fil-budget ghall-gholi tal-hajja dovuta mill-istess socjeta` konvenuta lill-attur ghall-perjodu mid-9 ta' Novembru, 2001 'il quddiem, bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 572/02 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas**

**effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fit-18 t'April, 2002, li fiha ntqal:**

**Illi preliminarjament is-socjeta` konvenuta ggib a konjizzjoni ta' dan it-Tribunal li l-attur spicca mill-impieg tieghu mas-socjeta` konvenuta fid-9 ta' Novembru, 2001;**

**Illi l-ammont pretiz mill-attur huwa eccessiv kif ser jirrizulta ahjar tul il-mori tal-kawza;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' George Camilleri u Carlos Vella. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza qed issir mill-attur ghall-hlas ta' elf mija u sitta u ghixrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1126.40), rapprezentanti arretrati ta' pagi, "bonus", "vacation leave", "overtime" u zidiet minhabba fil-budget ghall-gholi tal-hajja.**
2. **Dak li qed jitlob l-attur gie kkonfermat minn George Camilleri, impjegat mal-labour Office li jiehu hsieb relazzjonijiet industrijali u ta' l-impieg. Hu esebixxa d-Dok.GC dwar l-ammont dovut lill-attur mis-socjeta` konvenuta. Jirrizulta li dan l-ammont jinkludi l-paga ghall-perjodu mit-2 ta' Novembru sad-9 ta' Novembru, 2001, kif ukoll hlas ta' "leave", bonus ta' Dicembru, ikkalkolat prorata mit-terminazzjoni, "weekly allowance" u "overtime" ghax-xhur minn Gunju sa Awissu, 2001. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' Carlos Vella, li kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, li l-attur kien jahdem ukoll fil-Hdud.**

**3. Is-socjeta` konvenuta baqghet ma ressqitx provi. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal qed iqies it-talba attrici gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf mija u sitta u ghixrin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm1126.40), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum sad-data tal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 572/02, ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------